(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-28 ta' Frar, 2017

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

28th February, 2017

**Nru. 220**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 220**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 28.2.2017 | €38.390 | €0.587 |

It-28 ta' Frar, 2017

28th February, 2017

**Nru. 221**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI**

**Strument ta' Delega skont id-Dispożizzjonijiet tal-Artiklu 9 tal-Att Dwar Il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549)**

L-AWTORITÀ għall-Ambjent u r-Riżorsi qed tawtorizza l-uffiċjali hawn taħt imsemmija, taħt il-kundizzjonijiet li

**No. 221**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Instrument of Delegation under the Provisions of Article 9 of the Environment Protection Act (Cap. 549)**

THE Environment and Resources Authority is hereby authorising the following officers, under the conditions

huma speċifikati kif ġej, biex jaġixxu f'isimha u f'isem id-Direttur għall-Ambjent:

Biex joħorġu permessi skont il-provvedimenti u limitazzjonijiet tar-Regolamenti tal-2011 Dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (Avviż Legali 200 tal-2011; L.S. 549.64):

Is-Sur Anthony Aquilina
Is-Sur Jonathan Henwood

Is-27 ta' Frar, 2017

specified hereunder, to act on its behalf and on behalf of the Director of Environment:

To issue permits under the provisions and limitations of the Trees and Woodlands Protection Regulations 2011 (Legal Notice 200 of 2011; S.L. 549.64):

Mr Anthony Aquilina
Mr Jonathan Henwood

27th February, 2017

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 25**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala *tow zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

**Is-Siġġiewi**

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Marzu, 2017, mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Triq il-Knisja l-Qadima u Pjazza San Nikola.

**Ħaż-Żebbuġ**

Nhar l-Erbgħa, 1 ta' Marzu, 2017, mill-4.30 p.m. sas-7.00 p.m., minn Misraħ San Filippu u Triq Sciortino.

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu, 2017, mill-4.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Misraħ San Filippu, Triq tal-Grazzja, Triq X. Attard, Triq Profs D. Callus, Triq F. Zahra, Triq Fra F. Mattei, Triq il-Mitħna u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' April, 2017, mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq Sciortino, Triq Frans Sammut u Triq l-Isqof Caruana.

Nhar il-Ħadd, 9 ta' April, 2017, mid-9.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn Misraħ l-Isptar u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' April, 2017, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Vjal il-Ħelsien u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ħadd, 16 ta' April, 2017, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq Frans Sammut, Triq Ġiraldu Farrugia, in-niżla ta' San Pawl, l-Imdina (*service road*), Triq il-Kosbor, Triq il-Qamħ, Triq Santa Marija, Triq l-Għasfura, Triq Adeodata Gatt, Triq

POLICE NOTICE

**No. 25**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Siġġiewi**

On Wednesday, 1st March, 2017 from 5.00 p.m. till 7.00 p.m. through Triq il-Knisja l-Qadima and Pjazza San Nikola.

**Ħaż-Żebbuġ**

On Wednesday, 1st March, 2017 from 4.30 p.m. till 7.00 p.m. through Misraħ San Filippu and Triq Sciortino.

On Friday, 31st March, 2017, from 4.30 p.m. till 8.00 p.m., through Misraħ San Filippu, Triq tal-Grazzja, Triq X. Attard, Triq Profs D. Callus, Triq F. Zahra, Triq Fra F. Mattei, Triq il-Mitħna and Triq il-Kbira.

On Friday, 7th April, 2017, from 5.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq Sciortino, Triq Frans Sammut and Triq l-Isqof Caruana.

On Sunday, 9th April, 2017, from 9.00 a.m. till 10.00 a.m., through Misraħ l-Isptar and Triq il-Kbira.

On Friday, 14th April, 2017, from 3.00 p.m. till midnight, through Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Vjal il-Ħelsien and Triq il-Kbira.

On Sunday, 16th April, 2017, from 8.00 a.m. till 1.00 p.m., through Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq Frans Sammut, Triq Ġiraldu Farrugia, in-niżla ta' San Pawl, Mdina (service road), Triq il-Kosbor, Triq il-Qamħ, Triq Santa Marija, Triq l-Għasfura, Triq Adeodata Gatt, Triq Paris, Triq